MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2004

Numru 974/2003

**Il-Pulizija**

**Spettur Walter Spiteri**

v

**MONICA BORG**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputata **MONICA BORG** ta’ sebgha u tletin sena, bint Anthony Zammit u Gemma nee Camilleri, imwielda Qormi fit-tlieta ta’ Jannar, 1966 u residenti fi 3, Sqaq il-Bizzilla, Zurrieq, detentrici tal-karta tal-identita` numru 42866 (M) giet imressqa quddiemha akkuzata talli f’dawn il-Gzejjer, fis-sitta w ghoxrin ta’ Jannar, 2001 u matul ix-xhur ta’ qabel din id-data, bhala d-detentur tal-fond 3, Sqaq il-Bizzilla, Zurrieq, ukoll wara inzul ix-xemx, b’diversi atti maghmulin minnha ukoll jekk fi zminijiet differenti li

jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, b’mezzi qarrieqa li bihom setgha kellha l-uzu jew il-konsum illegittmu tal-elettriku, tal-kwalita` mehuda jew ikkunsmata, ikkommettiet serq ta’ dawl elettriku fl-ammont li ma jeccedix l-elf lira Maltin mill-fond 3, Sqaq il-Bizzilla, Zurrieq, liema serq hu kwalifikat bil-mezz, hin u valur ghad-detriment tal-Korporazzjoni Enemalta.

Il-Qorti giet mitluba, barra milli taghti l-piena stabbilita mill-Ligi tordna lill-imputata thallas l-ispejjez tal-esperti mahtura mill-Qorti a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti esebiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat 25 ta’ Novembru, 2003 fejn l-Avukat Generali ta’ l-kunsens tieghu ai termini tal-artikolu 370 (4) tal-Kap 9 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat illi l-imputata ma kelliex oggezzjoni sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja u dan wara li nghatat zmien biex twiegeb.

Rat l-atti tal-inkjesta esebiti f’din il-kawza u b’mod partikolari l-konkluzjonijiet tal-espert tekniku Hugh Camilleri cioe` illi ghalkemm hemm il-presunzjoni juris tantum kontra l-akkuzata, xorta deherlu li ma kienx hemm bizzejjed provi li jigu inizjati proceduri kriminali fil-konfront ta’ Monica Borg.

Semghet lir-rappresentant tal-Enemalta, Ian Vella jixhed viva voce l-Qorti fis-seduta tad-dsatax ta’ Jannar, 2004 fejn ikkonferma illi ma sarx tbaghbis fil-meter in kwistjoni u li l-imputata mhiex debitrici tal-Korporazzjoni.

Ghalhekk f’dawn ic-cirkostanzi, l-Qorti ma tistax ma tikkummentax u turi d-dispjacir taghha lejn l-Ufficcjal Prosekutur li ressaq dan il-kaz il-Qorti meta a priori jirrizulta illi l-akkuza ma tirrizultax manifestament u dan mix-xhieda tar-rappresentant tal-Korporazzjoni Enemalta li hu xhud principali tal-Prosekuzzjoni.

Illi hija haga serja li l-Prosekuzzjoni tressaq bniedem il-Qorti u takkuzah b'reat meta mill-bidu nett jirrizulta li l-istess bniedem m'ghandux provi kriminali fil-konfront tieghu.

Il-Qorti tattira l-attenzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija dwar dan sabiex kazijiet simili dwar dan ma jigux ripetuti u dan kollu qed jinghad fl-interss tal-Gustizzja.

**Il-Qorti rat l-artikolu tal-ligi partikolarment l-artikolu 264 (2) u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li ma ssibx lill-imputata hatja u tilliberha minn kull akkuza.**

**Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata lill-Kummissarju tal-Pulizija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------